**Bord li Jirregola l-Kera**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

Chairperson

Rikors Nru: 556/2022 LC

**Paul Paris (K.I. 455550M)**
**Joseph Paris (K.I. 564151M)**
**Mary Therese Paris (K.I. 570254M)**
**Mary Ann Lukic (K.I. 226756M)**
**Nutar Dr Ian Castaldi Paris (K.I. 407278M)**
**Claire Sant Portanier (K.I. 379691M)**
**John Paris (K.I. 77767M)**
**Michael Paris (K.I. 45864M)**
**Peter Paris (K.I. 848253M)**
**Anne Chetcuti Bonavita (K.I. 722052M)**
**Patricia Schembri (K.I. 266856M)**
**Marie Baldacchino Ordland (K.I. 261260M)**
**Marie Paulina Montanaro (K.I. 716746M)**
**Angela Cassar (K.I. 725047M)**
**PL Edgar Montanaro (K.I. 22049M)**
**William Montanaro (K.I. 95355M)**

**vs**

**Marlene Viacava (K.I. 373070M);**
**u**
**L-Awtorita tad-Djar bħala '*amicus curiae*'**

Illum, 20 ta' Novembru 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Paul Paris et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-imħarrkin skont kif provdut fl-artikolu 12(B)(3)(ċ) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u kwalunkwe regolamenti oħra applikabbli u jagħti dawk l-ordnijiet kollha neċessarji fosthom, jekk l-imħarrkin ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, li l-intimati jiġu ordnati jirritornaw il-pussess battal tal-fond bin-numru uffiċjali erbgħa u erbgħin (44), Triq Matty Grima, Bormla fi żmien sentejn u li sakemm dan iseħħ jiġi ffissat kumpens li għandu jiġi mħallas lir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 12(B)(4) tal-istess Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta; u

II. Fl-eventwalita li l-intimati Viacava jissodisfaw it-test tal-mezzi, jiddeċiedi u jordna illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond bin-numru uffiċjali erbgħa u erbgħin (44), Triq Matty Grima, Bormla.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tas-7 ta' Settembru 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (iv) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (v) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta ta' Marlene Viacava (K.I. 373070M) tat-28 ta' Novembru 2022 fejn sommarjament eċċepiet illi: (i) in linea preliminari, l-atturi għandhom jippruvaw illi huma s-sidien uniċi tal-fond in kwistjoni; (ii) illi sussidjarjament l-esponenti tiddikjara illi hija tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal- Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodu relevanti u dan peress illi kwalunkwe dħul u kapital tal-esponenti huwa anqas minn dak maħsub f'dan l-istess test, u dan kif ser jiġi debitament ipprovat fil-kors tal-kawża; (iii) illi għaldaqstant u mingħajr preġudizzju għas-suespost, la darba d-dħul u l-kapital tal-esponenti huwa ferm inqas minn dak li maħsub fil-Liġi, m'għandux ikun hemm l-ebda awment fil-kirja pagabbli u għaldaqstant l-ewwel (1) talba attriċi għandha tiġi miċħuda *in toto* u ċioe' anke fejn qiegħed jintalab illi l-esponenti għandha tiġi ordnata tirritorna l-pussess battal tal-fond mertu tal-proċeduri odjerni; (iv) illi inoltre' l-esponenti qiegħda toġġezzjona wkoll għal dik il-parti tal-istess talba fejn qiegħed jiġi rikjest minn dan l-Onorabbli Bord sabiex dan jordna li jħallas xi kumpens mill-esponenti lill-atturi u dan għar-raġuni li ma hemmx lok għalfejn din it-talba għandha tintlaqa' minn dan l-Onorabbli Bord, kif ser jiġi debitament ippruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri; u (v) illi dejjem mingħajr preġudizzju u b'referenza għat-tieni talba tal-atturi, fl-eventwalita li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu li hemm lok li tiġi riveduta l-kirja tal-fond in kwistjoni u jgħaddi sabiex jistabbilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, l-esponenti umilment tissottometti illi kwalunkwe tali żieda fil-kera m'għandhiex tkun bir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) iżda *se mai* din għandha tqarrab aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjua gradwalment, hekk kif inhuwa fid-diskrezzjoni ta' dan il-Bord illi jordna.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-1 ta' Awwissu 2022 l-intimata Marlene Viacava wettqet it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Alan Galea u l-Perit Ruben Sciortino, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid il-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessità jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sid tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti jiddikjaraw illi huma il-kompropjetarji kollha tal-fond bin-numru uffiċjali erbgħa u erbgħin (44), Triq Matty Grima, Bormla. Ir-rikorrenti Paul Paris, fl-affidavit[1] tiegħu jikkonferma illi dan il-fond kien jappartjeni lil Dr. Antonio Paris, u dan bis-saħħa ta' kuntratt ta' diviżjoni tas-6 ta' Lulju tas-sena 1946.[2] L-imsemmi Dr. Antonio Paris miet fis-26 ta' Jannar tas-

[1] A fol. 17 tal-atti proċesswali.
[2] Nota tal-Insinwa relattiva hija d-Dok. "A" a fol. 21 tal-atti proċesswali.

sena 1970[3], u wirtuh skond il-liġi uliedu Elvira Montanaro, Guiseppe *sive* Joseph *sive* Peppi Paris u Michael *sive* Michele *sive* Lino Paris bħala eredi universali tiegħu fi kwoti indaqs bejniethom.[4] Ir-rikorrenti Marie Pauline *sive* Marieline Montanaro, Angela *sive* Angele Cassar, Edgar Montanaro u William Montanaro huma l-eredi tal-imsemmija Elvira Montanaro, u dan kif jirriżulta mill-aħħar testment tagħha, senjatament dak tas-27 ta' Lulju 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino[5] u l-kuntratt ta' dikjazzjoni causa mortis minnhom magħmul, senjatament l-att tal-20 ta' Diċembru 2001 fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro.[6] Is-sitt rikorrenti Anna Chetcuti Bonavita, Peter Paris, Patricia *sive* Patsy Schembri, Maria Baldacchino Orland, Michael Paris u John Paris huma s-sitt ulied tal-imsemmi Guiseppe *sive* Joseph *sive* Peppi Paris u l-eredi universali tiegħu, u dan kif jirriżulta miż-żewġ testmenti tiegħu fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard, wieħed datat il-15 ta' Settembru 2010 u l-ieħor it-8 ta' Frar 2011[7]. L-imsemmija sitt rikorrenti debitament iddikjaraw is-sehem tagħhom indiviż mid-dar mertu dawn il-proċeduri bis-saħħa tal-kuntratt ta' dikjarazzjoni causa mortis tal-10 ta' Ottubru tas-sena 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Gabrielle Lautier.[8] Is-sehem indiviż mid-dar mertu dawn il-proċeduri li kien jappartjeni lill-imsemmi Michael *sive* Michele *sive* Lino Paris iddevolva a favur il-ħames uliedu, senjatament ir-rikorrenti Paul Paris, Joseph Paris, Antoinette Castaldi Paris, Mary Therese Paris u Mary Ann Lukic, u dan in forza tal-aħħar testment unica charta tal-imsemmi Michael *sive* Michele *sive* Lino Paris u ta' martu Maria Paris, senjatament it-testment tal-4 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon u l-kuntratt ta' dikjarazzjoni causa mortis tal-ħames ulied, senjatament il-kuntratt tal-20 ta' Jannar tas-

---

[3] Ċertifikat tal-mewt huwa d-Dok. "B" a fol. 23 tal-atti proċesswali.
[4] Dok. "C", "D" u "E" a fol. 24 et seq tal-atti proċesswali.
[5] Dok. "I" a fol. 37 tal-atti proċesswali.
[6] Dok. "J" a fol. 40 tal-atti proċesswali.
[7] Dok. "N" u "O" a fol. 54 u 56 tal-atti proċesswali.
[8] Dok. "P" a fol. 59 tal-atti proċesswali.

sena 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Elsa Debono.[9] Ir-rikorrenti Claire Sant Portanier u n-Nutar Ian Castaldi Paris huma l-ulied u l-werrieta tal-imsemmija Antoinette Castaldi Paris li ġiet nieqsa nhar it-2 ta' Marzu tas-sena 2022[10] u dan kif jirriżulta mill-aħħar testment[11] tagħha tal-25 ta' Lulju 2005, u l-att ta' dikajazzjoni causa mortis tal-imsemmija uliedha, *ossia* l-att tad-19 ta' Mejju 2022 fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia. [12]

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-atti appena msemmija, u fid-dawl tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi bis-saħħa tal-att tat-22 ta' Lulju 1991, fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar, l-imsemmi fond kien ingħata mill-ante kawża tar-rikorrenti b'titolu ta' ċens temporanju lil Martin Viacava għall-perjodu ta' wieħed u għoxrin (21) sena versu ċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm110 li skada fil-21 ta' Lulju 2012. Ir-rikorrenti jiddikjaraw fir-rikors promotur illi wara l-iskadenza taċ-ċens, dan it-titolu ġie kkonvertit f'kera in perpetwa favur l-imsemmi Martin Viacava bl-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jiddikjaraw ulterjorment illi l-imsemmi Martin Viacava miet fis-sena 2020, u fl-imsemmi fond għadha tgħix l-armla tiegħu l-intimata Marlene Viacava u ibnu Mitchell Viacava. L-intimata fir-risposta tagħha tikkonferma, fost oħrajn, illi hija tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi u li hija ma għandhiex tiġi ordnata tirritorna l-pussess battal tal-fond mertu dawn il-proċeduri, u il-Bord jifhem illi tali dikjazzjonijiet jikkonfermaw illi l-intimata wkoll taqbel mad-

[9] Dok. "V" a fol. 90 tal-atti proċesswali.
[10] Dok. "W" a fol. 102 tal-atti proċesswali.
[11] Dok. "Z" a fol. 108 tal-atti proċesswali.
[12] Dok. "AA" a fol. 110 tal-atti proċesswali.

dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi hija l-inkwilina tal-fond mertu dawn il-proċeduri.

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi l-intimata hija l-inkwilina ma ġietx ikkontestata, anzi kkonfermata mid-dikjarazzjoniet minnha magħmula fir-risposta tagħha, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata Marlene Viacava hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' Marlene Viacava, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(4) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital ta' l-intimata kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(3) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi Marlene Viacava <u>ma teċċediex</u> il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 12B (5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12B (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond jinsab fl-*Urban Conservation Area* ta’ Bormla, u huwa *terraced house* b’*finishes* li huma pjuttost antiki. Il-fond jinsab fi Triq Matty Grima, Bormla. Meta wieħed jidħol fil-propjeta’ isib entrata, li tagħti għal kamra laterali li tintuża bħala *sitting room*. Fuq wara tal-entrata, wieħed isib passaġġ li jagħti għal taraġ laterali. Adġaċenti mat-taraġ hemm kċina u fuq wara nett tal-propjeta’ hemm bitħa kif ukoll kamra tal-banju. Fl-ewwel sular wieħed isib kamra tas-sodda, kamra oħra li tagħti aċċess għal żewġt ikmamar tas-sodda. Fl-ewwel sular hemm ukoll kamra tal-banju kif ukoll aċċess għall-bejt.

Illi l-Periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip, il-kondizzjoni tal-propjetà u l-iskemi ta’ bini eżistenti applikabbli fuq is-sit, jistmaw il-propjetà fl-1 ta’ Jannar 2022 fl-ammont ta’ erba’ mitt elf ewro (€400,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[13]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *“il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta’ dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta’ kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom*

[13] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta’ Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

> *imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta' dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimata u tal-età tagħha, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo*.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tmien t'elef ewro (€8,000) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel parti tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi tal-intimata twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni filwaqt li jiċħad dik il-parti tat-talba stante illi l-intimata tissodisfa l-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

2. Jilqa' it-tieni talba u jordna illi l-kera tal-fond bin-numru uffiċjali erbgħa u erbgħin (44) Triq Matty Grima, Bormla, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Marlene Viacava għall-ammont ta' tmien t'elef ewro (€8,000) fis-sena, u jordna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-

sentenza u dan bil-modalità ta' erba' skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

3. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**